IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 59-2018(12_11_18)**

**12 ta' Novembru 2018**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sa Sonja Abela - Sindku
Is-Sinjura Juliet Rose Attard - Viċi Sindku
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sa Sonja Abela.

**59.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

59.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji għaliex kulħadd kien preżenti.

**59.2 Attivitajiet għal Novembru 2018 u Diċembru 2018**

59.2.1 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar l-attivitajiet li jistgħu jsiru matul Novembru u Diċembru 2018. Is-Sindku ssuġġeriet sabiex din is-sena l-ħarġa għall-anzjani li kienet issir fil-Kunċizzjoni, issir fl-10 ta' Diċembru 2018 u nżuru l-Monti tal-Milied fir-Rabat ta' Malta magħruf bħala Natalis Notabilis. It-trasport ser ikun provdut mill-Kunsill mill-Pjazza tal-Knisja.

Il-Kunsill ser jorganizza ħarġa għat-tfal. Din ser issir nhar il-Ħamis, 27 ta' Diċembru 2018. Nitilqu mill-Pjazza tal-Knisja fid-9 ta' filgħodu u mmorru naraw *film* fit-Teatru Citadel permezz tal-Calypso Trains. Ser jitqassam *hamper* u ktieb lil kull tifel u tifla.

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li qed isir tentattiv sabiex isir presepju ħaj fix-Xlendi. L-għaqdiet tal-parroċċa ġew mistiedna sabiex jieħdu sehem.

---

**59.3 Jum Il-Munxar 2018**

59.3.1 Bħalma jiġri kull sena, il-Kunsill jiċċelebra Jum il-Lokalità - Jum Il-Munxar – kull 12 ta' Diċembru, id-data li ġiet imwaqqfa l-Parroċċa. Din is-sena ser tkun nhar l-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2018. Ser issir quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu u wara ssir Serata ta' Jum Il-Munxar. Din is-sena ser issir taħt it-tinda fil-Pjazza tal-Knisja. L-ispejjeż tat-tinda ser jitħallsu mill-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku pproponiet li Ġieħ Il-Munxar ta' din is-sena jingħata lil Carmen Said, *ex*-Sindku li ħalliet din id-dinja din is-sena. Kien hemm qbil u ġie deċiż li ma tinħariġx sejħa għan-nominazzjonijiet.

**59.4 Proposta ta' ġemellaġġ**

59.4.1 Is-Sindku ssuġġeriet li l-Kunsill jagħmel ġemellaġġ ma' xi lokalità f'pajjiż ieħor. Hija infurmat lill-Kunsill li saret laqgħa ma' Dr Ray Bondin, fejn qed jipproponi li l-Kunsill tal-Munxar jagħmel ġemellaġġ mal-lokalità ta' Solarino fi Sqallija fejn il-patrun ta' din il-lokalità huwa San Pawl.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega dwar l-Għanijiet, il-Proċedura Amministrattiva u l-Obbligi Finanzjarji li joħorġu mill-*policy* dwar proċedura tal-ġemellaġġi tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Irid isir *Twinning Work Plan* fejn juri r-riżultati u l-benefiċċji mistennija kif ukoll rendikont finanzjarju tal-infiq marbut mal-ġemellaġġ. Ġie ssuġġerit li qabel mal-Kunsill jikkommetti ruħu, delegazzjoni mill-Kunsill għandha żżur il-lokalità proposta.

Is-Sinjura Juliet Rose Attard talbet lill-Kunsill sabiex issir xi ħaġa dwar karozzi bla numru tar-reġistrazzjoni u opri tal-baħar li qed jitħallew fit-toroq. Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob lil-LESA sabiex titlob lis-sidien ineħħuhom mit-triq.

**59.5 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

59.5.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 28 ta' Novembru 2018 u fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 16 ta' Jannar, 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Sonja Abela<br>Sindku | Anthony Grech<br>Segretarju Eżekuttiv |